DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

20 ta' Mejju 2020*

"Rikors għal annullament – Enerġija – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva (UE) 2019/692 – Żieda tal-Artikolu 49a mad-Direttiva 2009/73/KE dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' deroga għal ċerti dispożizzjonijiet tad-direttiva – Applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73/KE għal-linji tal-gass lejn jew minn pajjiż terz – Kontestazzjoni tat-terminu stabbilit fl-24 ta' Mejju 2020 għall-għoti ta' derogi għall-obbligi tad-Direttiva 2009/73 – Nuqqas ta' inċidenza diretta – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Inammissibbiltà"

Fil-KawżaT-530/19,

Nord Stream AG, stabbilita f'Zoug (l-Isvizzera), irrappreżentata minn M. Raible, C. von Köckritz u J. von Andreae, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn L. Visaggio, J. Etienne u I. McDowell, bħala aġenti,

u

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn A. Lo Monaco u S. Boelaert, bħala aġenti,

konvenuti,

li għandu bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Direttiva (UE) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU 2019, L 117, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn J. Svenningsen (Relatur), President, R. Barents u C. Mac Eochaidh, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230), tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU 2009, L 211, p. 94).

2 Id-Direttiva 2009/73 hija intiża li tistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tat-trasport, tad-distribuzzjoni, tal-provvista u tal-ħażna tal-gass naturali sabiex tippermetti aċċess għas-suq u tiffavorixxi kompetizzjoni ekwa u nondiskriminatorja. F'dan ir-rigward, din id-direttiva tipprevedi, b'mod partikolari, l-obbligu li jiġu sseparati n-networks ta' trażmissjoni u l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni kif ukoll l-istabbiliment ta' sistema ta' aċċess nondiskriminatorju għal terzi għan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-gass, u dan abbażi ta' tariffi ppubblikati.

3 Skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73, l-infrastrutturi kbar ġodda tal-gass, jiġifieri l-interkonnessjonijiet, il-faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat jew ta' ħażna, jistgħu, fuq talba u taħt ċerti kundizzjonijiet, jibbenefikaw, matul perijodu determinat, minn eżenzjoni minn ċerti obbligi previsti minn din id-direttiva. Sabiex din l-eżenzjoni tkun tista' tapplika, għandu b'mod partikolari jintwera li l-investiment ser isaħħaħ il-kompetizzjoni fil-provvista tal-gass u ser itejjeb is-sigurtà tal-provvista u li l-livell ta' riskju marbut mal-investiment huwa tali li dan l-investiment ma jitwettaqx jekk ma tingħatax eżenzjoni.

4 Ir-rikorrenti, Nord Stream AG, hija kumpannija rregolata mid-dritt Svizzeru miżmuma 51 % mill-kumpannija Russa PJSC Gazprom kif ukoll minn erba' kumpanniji Svizzeri, sa, rispettivament, 15.5 % għal tnejn minnhom, indirettament miżmuma minn żewġ kumpanniji Ġermaniżi, u 9 % għat-tnejn l-oħra, waħda miżmuma indirettament minn kumpannija Franċiża u l-oħra li kienet sussidjarja ta' kumpannija Olandiża. Ir-rikorrenti għandha u topera "Nord Stream", network ta' żewġ linji li l-kostruzzjoni tagħhom tlestiet fl-2012 u li l-operat tagħhom huwa previst għal tul ta' 50 sena. Dan in-network jiżgura t-trasport tal-gass bejn Vyborg (ir-Russja) u Lubmin (il-Ġermanja), qrib Greifswald (il-Ġermanja). Ladarba fit-territorju Ġermaniż, il-gass jiġi trażmess fil-pipelines terrestri NEL u OPAL, li huma suġġetti, taħt il-kontroll tal-awtorità regolatorja Ġermaniża, għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

5 Fuq proposta tal-Kummissjoni Ewropea COM(2017) 660 final, tat-8 ta' Novembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw, fis-17 ta' April 2019, id-Direttiva (UE) 2019/692 li temenda d-Direttiva 2009/73 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU 2019, L 117, p. 1, iktar 'il quddiem id-"direttiva kkontestata"), li daħlet fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha, jiġifieri fit-23 ta' Mejju 2019.

6 Skont il-premessa 3 tad-direttiva kkontestata, din tfittex li tindirizza ostakoli għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali li jirriżultaw min-nuqqas ta' applikazzjoni, sal-lum, tar-regoli tas-suq tal-Unjoni Ewropea għal-linji ta' trażmissjoni tal-gass lejn u minn pajjiż terz.

7 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(17) tad-Direttiva 2009/73, kif emendata mid-direttiva kkontestata, jipprevedi li l-kunċett ta' "interkonnettur" ikopri mhux biss "[kull] linja ta' trasmissjoni li taqsam jew tinfirex tul fruntiera bejn l-Istati Membri għall-finijiet li tgħaqqad is-sistema ta' trasmissjoni

nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri ", iżda wkoll, minn issa 'l quddiem, "[kull] linja ta' trasmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz sat-territorju tal-Istati Membri jew sal-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru".

8 Madankollu, skont l-Artikolu 49a(1) tad-Direttiva 2009/73, kif miżjud mid-direttiva kkontestata, "[f]ir-rigward ta' linji ta' trasmissjoni tal-gass bejn Stat Membru u pajjiż terz li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019, l-Istat Membru fejn jinsab l-ewwel punt ta' konnessjoni ta' tali linja ta' trasmissjoni man-netwerk ta' [dan l-Istat] Membru jista' jiddeċiedi li jidderoga [minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/73] għat-taqsimiet ta' tali linja ta' trasmissjoni tal-gass li jinsabu fit-territorju u l-baħar territorjali tiegħu, għal raġunijiet oġġettivi, bħall-possibbiltà tal-irkupru tal-investiment imwettaq jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, dment li d-deroga ma tkunx ta' ħsara għall-kompetizzjoni fis-suq intern tal-gass naturali jew għall-funzjonament effettiv tiegħu, jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni". L-imsemmi Artikolu 49a(1) jipprevedi wkoll, minn naħa, li d-derogi ta' dan it-tip huma "limitat[i] fiż-żmien sa 20 sena fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, li tista' tiġġedded jekk ikun hemm ġustifikazzjoni u [jistgħu jkunu suġġetti] għal kondizzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-kondizzjonijiet ta' hawn fuq" u, min-naħa l-oħra, li "[t]ali derogi m'għandhomx japplikaw għal-linji ta' trasmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz li jkollu l-obbligu li jittrasponi din id-[Direttiva 2009/73 emendata] u li effettivament jimplimenta din id-Direttiva fis-sistema legali tiegħu taħt ftehim konkluż mal-Unjoni".

9 Barra minn hekk, id-direttiva kkontestata emendat l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73 billi pprovdiet, fil-punt (e) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, li l-eżenzjoni mogħtija abbażi ta' din id-dispożizzjoni għall-infrastrutturi eżistenti ġodda ma għandhiex, b'mod partikolari, tippreġudika s-"sigurtà tal-provvista tal-gass naturali fl-Unjoni".

10 Fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-emendi li saru mid-direttiva kkontestata lid-Direttiva 2009/73, l-Artikolu 2 tad-direttiva kkontestata jipprovdi li, ħlief għal dawk li ma jaqsmu l-ebda fruntiera ġeografika jew l-ebda linja ta' trażmissjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, Ċipru u Malta, "[l]-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-24 ta' Frar 2020, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deroga skont l-Artikolu 49a tad-Direttiva 2009/73/KE".

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

11 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Lulju 2019, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors, li fih hija titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tintroduċi, fid-Direttiva 2009/73, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 49a(3) ġdid, skont liema "[i]d-deċiżjonijiet [ta' deroga] taħt il-paragrafi 1 u 2 [ta' dan l-Artikolu 49a] għandhom jiġu adotttati sal-24 ta' Mejju 2020".

– tikkundanna lill-Parlament u/jew lill-Kunsill għall-ispejjeż.

12 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fit-2 ta' Ottubru 2019 mir-Repubblika tal-Polonja, fil-15 ta' Ottubru 2019 mill-Kummissjoni, fit-30 ta' Ottubru 2019 mir-Repubblika tal-Litwanja kif ukoll mir-Repubblika tal-Estonja u fis-6 ta' Novembru 2019 mir-Repubblika tal-Latvja, dawn talbu, skont l-Artikolu 143 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex jintervjenu insostenn tal-Parlament u tal-Kunsill.

13 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Ottubru 2019, skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kunsill qajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li fiha huwa jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

14 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Ottubru 2019, skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kunsill qajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li fiha huwa jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– prinċipalment:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż;

– sussidjarjament, jekk il-Qorti Ġenerali kellha tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà jew tiddeċiedi li tgħaqqad l-eżami tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mal-mertu, tiffissa termini ġodda għall-Parlament u għall-Kunsill sabiex jippreżentaw ir-risposti rispettivi tagħhom.

15 Fl-osservazzjonijiet tagħha, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Diċembru 2019, dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament u mill-Kunsill, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali tiċħadhom bħala infondati u, konsegwentement, tiddikjara r-rikors ammissibbli.

16 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' April 2020, il-President tal-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 67(2) tar-Regoli tal-Proċedura, iddeċieda, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, li tiġi deċiża bi prijorità.

Id-dritt

Fuq l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà

17 Insostenn tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiegħu, il-Parlament isostni li r-rikorrenti ma għandhiex *locus standi* sabiex titlob l-annullament parzjali tad-direttiva kkontestata u, minbarra dan, għandu dubji dwar l-interess ġuridiku tagħha sabiex tikseb dan l-annullament parzjali tal-imsemmija direttiva. Min-naħa tiegħu, insostenn tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiegħu, il-Kunsill isostni li r-rikors huwa inammissibbli sa fejn, l-ewwel nett, ir-rikorrenti ma għandhiex

interess ġuridiku għall-annullament parzjali tad-direttiva kkkontestata, it-tieni nett, hija ma għandhiex *locus standi* għall-annullament parzjali tal-imsemmija direttiva u, it-tielet nett, l-annullament parzjali mitlub iwassal sabiex id-direttiva kkontestata tiġi mibdula sostanzjalment.

18 Ir-rikorrenti ssostni li hija għandha interess ġuridiku u *locus standi* għall-annullament parzjali tad-direttiva kkontestata.

19 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 130 tar-Regoli tal-Proċedura, meta, permezz ta' att separat, il-konvenut jew il-konvenuti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà jew dwar l-inkompetenza, mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża, din għandha tiddeċiedi dwar it-talba fl-iqsar żmien possibbli, jekk ikun il-każ, wara li tkun fetħet il-fażi orali tal-proċedura.

20 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-annessi tal-proċess u tiddeċiedi permezz ta' digriet dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament u mill-Kunsill, mingħajr ma huwa neċessarju li tinfetaħ il-fażi orali tal-proċedura, peress li, minħabba l-motivi li ġejjin u indipendentement mill-kwistjoni jekk ir-rikorrenti tiġġustifikax li għandha interess ġuridiku, hija ma stabbilixxietx li kellha *locus standi* għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata.

Kunsiderazzjonijiet preliminari

21 Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, "[k]walunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, tressaq appell kontra [, l-ewwel ipoteżi,] att indirizzat lilha jew [, it-tieni ipoteżi,] li jirrigwardha direttament u individwalment, kif ukoll [, it-tielet ipoteżi,] kontra att regolatorju li jirrigwardha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni".

22 F'dan ir-rigward, għalkemm ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma jirreferix speċifikament għall-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi kontra direttiva, madankollu mill-ġurisprudenza jirriżulta li dan il-fatt waħdu ma huwiex biżżejjed sabiex tali rikorsi jiġu ddikjarati inammissibbli. Fil-fatt, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jistgħux, bl-għażla biss tal-forma tal-att inkwistjoni, jeskludu l-protezzjoni ġudizzjarja li din id-dispożizzjoni tat-Trattat toffri lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (ara, b'analoġija, id-digriet tal-10 ta' Settembru 2002, Japan Tobacco u JT International vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-223/01, EU:T:2002:205, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Dan premess, konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, direttiva għandha bħala destinatarji lill-Istati Membri. Għalhekk, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, bħar-rikorrenti, ma jistgħux jippreżentaw rikors għal annullament kontra direttiva, bħal dik ikkontestata, ħlief bil-kundizzjoni kemm, skont it-"tieni ipoteżi" li hija tikkonċernahom direttament u individwalment, kif ukoll, skont it-"tielet ipoteżi", li hija tikkostitwixxi att regolatorju li jikkonċernahom direttament u li ma jinkludix miżuri ta' implimentazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2010, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni, T-262/10, EU:T:2011:623, punt 19; tas-6 ta' Settembru 2013, Sepro Europe vs Il-Kummissjoni, T-483/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:407, punt 29, u d-digriet tas-7 ta' Lulju 2014, Wepa Lille vs Il-Kummissjoni, T-231/13, mhux ippubblikat, EU:T:2014:640, punt 20).

24 Fir-rigward tal-kunċett ta' "att regolatorju", fis-sens tat-"tielet ipoteżi" tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, dan għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal kull att ta' portata ġenerali, bl-eċċezzjoni tal-atti leġiżlattivi. Fil-fatt, fir-rigward ta' dawn l-aħħar atti, l-awturi tat-Trattat ta' Lisbona kellhom l-intenzjoni li jżommu approċċ restrittiv, f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà għall-individwi li jitolbu l-annullament tagħhom, billi jipprovaw li huma "direttament u individwalment ikkonċernati" mill-imsemmija atti leġiżlattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 59 u 60, kif ukoll Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea, Rapport finali taċ-Ċirku ta' Diskussjoni dwar il-Funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-25 ta' Marzu 2003, CONV 636/03, punt 22, u nota ta' trażmissjoni tal-Praesidium għall-Konvenzjoni, tat-12 ta' Mejju 2003. CONV 734/03, p. 20).

25 F'dan ir-rigward, id-distinzjoni bejn att leġiżlattiv u att regolatorju hija bbażata, skont it-Trattat FUE, fuq il-kriterju tal-proċedura, leġiżlattiva jew mhux, li wassal għall-adozzjoni tiegħu (ara d-digriet tas-7 ta' Jannar 2015, Freitas vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-185/14, mhux ippubblikat, EU:T:2015:14, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, skont l-Artikolu 289 TFUE, l-atti ġuridiċi adottati bil-proċedura leġiżlattiva jikkostitwixxu atti leġiżlattivi, kif ukoll, fil-każijiet speċifiċi previsti mit-Trattati, ċerti atti adottati fuq inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri jew tal-Parlament, fuq rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI).

26 F'dan il-każ, huwa paċifiku li d-direttiva kkontestata ġiet adottata skont l-Artikolu 194(2) TFUE u skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, kif iddettaljata fl-Artikolu 294 FUE. Konsegwentement, l-imsemmija direttiva tikkostitwixxi att leġiżlattiv fis-sens tat-Trattat FUE, inkluż l-Artikolu 1 tagħha, li jipprovdi, b'mod partikolari, iż-żieda tal-Artikolu 49a fid-Direttiva 2009/73 u li l-rikorrenti f'dan il-każ titlob l-annullament parzjali tagħha.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, indipendentement mill-fatt li, inkwantu direttiva, id-direttiva kkontestata tipprevedi l-adozzjoni minn ċerti Stati Membri destinatarji ta' miżuri ta' traspożizzjoni, li diġà jeskludi minnu nnifsu li hija tista' fil-prinċipju titqies bħala att li ma jinkludix "miżuri ta' implimentazzjoni", il-kundizzjoni dwar il-*locus standi* tar-rikorrenti kontra l-imsemmija direttiva ma tistax tkun ibbażata fuq it-"tielet ipoteżi" prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, peress li l-att ikkontestat, jiġifieri d-direttiva kkontestata, ma jikkostitwixxix "att regolatorju" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

28 Fir-rigward tat-"tieni ipoteżi" prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għandu jitfakkar li, f'ċerti ċirkustanzi, anki att leġiżlattiv li japplika għal operaturi ekonomiċi kkonċernati ġenerali jista' jikkonċerna direttament u individwalment uħud minnhom fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni, 11/82, EU:C:1985:18, punti 11 sa 32, u tas-27 ta' Ġunju 2000, Salamander *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-172/98 u T-175/98 sa T-177/98, EU:T:2000:168, punt 30).

29 Għalhekk, f'dan il-każ, għandu jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti, fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti, f'dak li jikkonċerna t-"tieni ipoteżi", permezz tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, urietx li hija kienet direttament u individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata, filwaqt li jitfakkar li l-kunċett ta' inċidenza diretta u individwali, li jinsab f'din id-dispożizzjoni, jikkorrispondi ma' dak tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE,

kunċett li l-awturi tat-Trattat ta' Lisbona ma kellhomx l-intenzjoni li jbiddlu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 70 u 71).

Fuq l-inċidenza diretta tar-rikorrenti

30 Il-Parlament iqis li r-rikorrenti ma hijiex direttament ikkonċernata mid-dispożizzjoni tad-direttiva kkontestata li tagħha hija titlob l-annullament parzjali f'dan il-każ, peress li din id-dispożizzjoni hija indirizzata speċifikament lill-Istati Membri, li għandhom jagħtu, fuq talba tal-operaturi, deroga possibbli, u li l-imsemmija dispożizzjoni għalhekk ma għandha ebda impatt u lanqas ma tipproduċi effett fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti.

31 B'mod partikolari, il-Parlament iqis li xejn fl-imsemmija dispożizzjoni ma jobbliga lir-rikorrenti li titlob, f'ċertu terminu, deroga għall-obbligi tad-Direttiva 2009/73, kif emendata. Għalhekk, fl-assenza ta' indikazzjoni, fid-direttiva kkontestata, fir-rigward tad-data li fiha r-rikorrenti għandha titlob tali deroga, huma l-Istati Membri, fil-kuntest tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva, li għandhom jistabbilixxu r-regoli ta' proċedura li jfasslu l-introduzzjoni ta' talba għal deroga u, f'dan ir-rigward, huma jgawdu minn setgħa diskrezzjonali, bla ħsara li jiġu stabbiliti l-imsemmija regoli b'mod li jiġi żgurat li t-talbiet potenzjali għal deroga jistgħu jiġu eżaminati u, skont il-każ, jingħataw fi żmien xieraq.

32 Għalhekk, skont il-Parlament, huwa l-abbozz ta' liġi ta' traspożizzjoni fil-Ġermanja tad-direttiva kkontestata li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, li jipprevedi l-possibbiltà għall-operaturi li jressqu talba għal deroga fit-30 jum wara d-dħul fis-seħħ, fit-12 ta' Diċembru 2019, ta' din il-liġi nazzjonali u, f'dan ir-rigward, jekk ir-rikorrenti kellha tonqos milli tressaq it-talba tagħha f'dan it-terminu previst mill-awtoritajiet nazzjonali, hija l-imsemmija liġi Ġermaniża li għandha inċidenza fuq is-sitwazzjoni legali tagħha u mhux id-direttiva kkontestata. Mill-perspettiva tal-Parlament, anki jekk id-direttiva kkontestata tipprevedi data limitu għall-għoti ta' derogi, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dak li jikkonċerna d-data ta' introduzzjoni ta' kull talba għal deroga, li jimplika li t-tul totali li matulu t-talbiet jistgħu jitressqu mill-operaturi u pproċessati mill-awtoritajiet nazzjonali, tul li r-rikorrenti tikkontesta f'dan il-każ bħala li allegatament huwa qasir jew strett wisq, ivarja minn Stat Membru għal ieħor. Fil-Ġermanja, il-proċeduri għal deroga jistgħu għalhekk jiġu ppreżentati u pproċessati f'perijodu minn ħames sa sitt xhur, bejn it-12 ta' Diċembru 2019 u l-24 ta' Mejju 2020.

33 Il-Kunsill isostni li r-rikorrenti la hija direttament ikkonċernata, b'mod ġenerali, mid-direttiva kkontestata u lanqas, b'mod partikolari, mill-unika dispożizzjoni ta' din id-direttiva li hija titlob l-annullament parzjali tagħha. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma tispjegax kif wieħed jew l-ieħor mill-obbligi legali imposti fuq l-Istati Membri mid-direttiva kkontestata, inkluż it-terminu mogħti lilhom sabiex jagħtu derogi mid-Direttiva 2009/73, kif emendata, jista' jipproduċi effetti legali diretti fuq is-sitwazzjoni tagħha. Minbarra dan, il-konsegwenzi fuq ir-rikorrenti tal-implimentazzjoni tad-direttiva kkontestata, kif allegati mir-rikors ikunu purament ipotetiċi, peress li jikkonkretizzaw ruħhom unikament jekk deroga ma kellhiex tingħatalha, element li ma kienx magħruf fid-data ta' preżentata ta' dan ir-rikors. Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni fl-adozzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-direttiva kkontestata u, b'mod partikolari, huma għandhom kull diskrezzjoni fir-rigward tal-possibbiltà li jagħtu derogi għal-linji ta' trażmissjoni lejn u/jew minn Stati terzi. Fir-realtà, billi tenfasizza, fil-punt 21 tar-rikors, li, "ladarba d-direttiva ta' emenda ġiet trasposta fil-Ġermanja, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża li timplimenta d-Direttiva [2009/73] tapplika b'mod sħiħ għall-parti

Ġermaniża ta' Nord Stream", u billi tindika wkoll li hija għandha l-intenzjoni li titlob deroga mingħand l-awtoritajiet Ġermaniżi, ir-rikorrenti stess tammetti li l-kundizzjonijiet tal-inċidenza diretta tagħha mid-direttiva kkontestata ma humiex issodisfatti f'dan il-każ.

34 Fir-rikors u fl-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament u mill-Kunsill, ir-rikorrenti ssostni li hija direttament ikkonċernata mid-direttiva kkontestata, peress li, fil-fehma tagħha, fl-assenza ta' deċiżjoni ta' deroga adottata mill-awtorità regolatorja Ġermaniża skont l-Artikolu 49a, kif miżjud mid-direttiva kkontestata mad-Direttiva 2009/73, ir-rekwiżiti ta' din l-aħħar direttiva jkunu applikabbli għaliha. Dan japplika wkoll għall-obbligi fil-qasam ta' separazzjoni tan-networks ta' trażmissjoni u tal-operaturi ta' networks ta' trażmissjoni, kif previsti mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/73; għall-obbligu li jingħata lil terzi l-aċċess għall-pipeline tagħha, kif previst fl-Artikolu 32 ta' din id-direttiva, u għall-obbligi dwar il-pjan tariffarju, kif previsti fl-Artikolu 41(1) u (6) tal-imsemmija direttiva kif ukoll fil-liġijiet Ġermaniżi ta' traspożizzjoni korrispondenti.

35 Dawn l-obbligi l-ġodda għandhom iwasslu, għar-rikorrenti, għal bidliet sinjifikattivi fil-ftehim bejn l-azzjonisti li jikkonċernaha, fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha u fil-ftehim ta' trażmissjoni tal-gass li hija kkonkludiet ma' Gazprom export LLC. Issa, f'dan ir-rigward, il-possibbiltà li tinkiseb mill-awtorità regolatorja Ġermaniża deroga abbażi tal-Artikolu 49a il-ġdid previst mid-direttiva kkontestata, li fil-każ tagħha ikun eċċessivament diffiċli jekk mhux impossibbli li tinkiseb, ma tirrimedjax l-inċidenza diretta u serja tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti mill-imsemmija direttiva, b'mod partikolari għaliex dan it-tip ta' deroga japplika biss għal ċerti obbligi previsti fid-Direttiva 2009/73, fejn dawn id-derogi jingħataw biss fuq bażi temporanja u li t-terminu eċċessivament qasir li fih l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiddeċiedu dwar it-talbiet għal deroga, f'dan il-każ mhux iktar tard mill-24 ta' Mejju 2020, jikkomprometti l-possibbiltà għar-rikorrenti li tikseb tali deroga. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-dispożizzjoni tad-direttiva kkontestata li tipprovdi għal dan it-terminu, li r-rikorrenti titlob l-annullament tagħha f'dan il-każ, din ma tħalli lill-Istati Membri ebda setgħa diskrezzjonali b'mod li l-applikazzjoni tagħha hija purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, il-kundizzjoni li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata mill-att tal-Unjoni li huwa s-suġġett tar-rikors, kif prevista mit-"tieni ipoteżi" tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, teħtieġ li żewġ kriterji jiġu ssodisfatti kumulattivament, jiġifieri, minn naħa, li dan l-att jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, li ma jħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tiegħu li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tiegħu, liema implimentazzjoni għandha natura purament awtomatika u tirriżulta unikament mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra (digriet tad-19 ta' Ġunju 2008, US Steel Košice vs Il-Kummissjoni, C-6/08 P, mhux ippubblikat, EU:C:2008:356, punt 60, u s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 42).

37 L-istess japplika meta l-possibbiltà għad-destinatarji li ma jagħtux segwitu għall-att tal-Unjoni kkontestat tkun purament teoretika, billi r-rieda tagħhom li jisiltu konsegwenzi konformi miegħu ma toħloq ebda dubju (ara d-digriet tad-19 ta' Ġunju 2008, US Steel Košice vs Il-Kummissjoni, C-6/08 P, mhux ippubblikat, EU:C:2008:356, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2019, Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni, C-342/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1043, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, b'mod ġenerali, mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva kkontestata, l-operaturi tal-pipeline, bħar-rikorrenti, minn issa 'l quddiem jaraw, potenzjalment, parti mil-linji tagħhom ta' trażmissjoni tal-gass, f'dan il-każ il-parti li tinsab bejn Stat Membru u Stat terz sat-territorju tal-Istati Membri jew dik li tinsab fil-baħar territorjali tal-Istat Membru, suġġetta għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 u mid-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' din l-aħħar direttiva kif emendata.

39 Madankollu, fir-rigward tal-obbligi konkreti li minn issa ser tkun suġġetta għalihom, skont dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/73, kif emendata, il-parti tal-linji ta' trażmissjoni tal-gass ta' ċerti operaturi, bħar-rikorrenti, kif ukoll tal-mod li bih dawn l-obbligi ser ikunu ddefiniti b'mod preċiż, dawn jiddependu mill-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni li l-Istat Membru li fil-baħar territorjali tiegħu tinsab din il-parti ta' linja, ser jadotta jew adotta skont l-Artikolu 2 tad-direttiva kkontestata, moqri flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, u dan, l-iktar tard, fl-24 ta' Frar 2020.

40 Fil-fatt, direttiva ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi fuq individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata, inkwantu tali, mill-awtoritajiet nazzjonali kontra operaturi fl-assenza ta' miżuri ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva adottati minn qabel minn dawn l-awtoritajiet (sentenza tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, 152/84, EU:C:1986:84, punt 48, u d-digriet tal-7 ta' Lulju 2014, Group'Hygiène vs Il-Kummissjoni, T-202/13, EU:T:2014:664, punt 33; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, punti 20 u 25).

41 Għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni jekk dawn humiex ċari u suffiċjentement preċiżi, id-dispożizzjonijiet tad-direttiva kkontestata ma jistgħux preċedentement għal, u indipendentement minn, l-adozzjoni ta' miżuri statali ta' traspożizzjoni, ikunu sors dirett jew immedjat ta' obbligi fuq ir-rikorrenti u li jistgħu, f'dan ir-rigward, jaffettwaw direttament is-sitwazzjoni legali tagħha fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Salamander *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-172/98 u T-175/98 sa T-177/98, EU:T:2000:168, punt 54, u d-digriet tas-7 ta' Lulju 2014, Group'Hygiène vs Il-Kummissjoni, T-202/13, EU:T:2014:664, punt 33). B'mod partikolari, l-awtorità regolatorja Ġermaniża ma tistax, fl-assenza ta' adozzjoni, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tal-miżuri ta' traspożizzjoni tad-direttiva kkontestata, teżiġi mir-rikorrenti li tosserva l-obbligi ġodda applikabbli fil-każ tagħha, bħal ma dan huwa previst mill-imsemmija direttiva.

42 F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li, minn issa, l-attivitajiet tar-rikorrenti jkunu parzjalment irregolati mid-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ mid-Direttiva 2009/73 emendata, hija fi kwalunkwe każ unikament il-konsegwenza tal-għażla tagħha li tiżviluppa u li żżomm l-attività tagħha fit-territorju tal-Unjoni, f'dan il-każ fil-baħar territorjali ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et*, C-366/10, EU:C:2011:864, punti 127 u 128). Madankollu, id-direttiva kkontestata, inkwantu tali u sa mid-dħul fis-seħħ tagħha, ma tipproduċix effetti immedjati u konkreti fuq is-sitwazzjoni legali ta' operaturi, bħar-rikorrenti u, fi kwalunkwe każ, mhux qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni previst fl-Artikolu 2(1) tagħha.

43 Barra minn hekk, jekk wieħed jaċċetta l-perspettiva tar-rikorrenti li s-sitwazzjoni legali tagħha ġiet direttament affettwata mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva kkontestata, minħabba li l-operat tan-network ta' pipelines doppji tagħha "Nord Stream 2" kien altrimenti evita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2009/73, ikun ifisser li, kull darba li l-Unjoni tilleġiżla mill-ġdid f'qasam billi tissuġġetta operaturi għal obbligi li għalihom huma ma kinux suġġetti preċedentement, din il-leġiżlazzjoni, minkejja li tkun ġiet adottata fil-forma ta' direttiva u skont

il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, taffettwa neċessarjament u direttament l-operaturi fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Issa, tali approċċ imur kontra l-istess formulazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, li jipprovdi li "[d]irettivi [għandhom jorbtu] l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda [jħallu] l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali" u, konsegwentement, il-fatt li l-operaturi huma fil-prinċipju affettwati fis-sitwazzjoni legali tagħhom mill-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' kull direttiva.

44 Għalhekk, f'dan il-każ, huwa biss bl-intermedju tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-direttiva kkontestata li l-Istati Membri, f'dan il-każ ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-każ tar-rikorrenti, ser jadottaw jew adottaw li l-operaturi, bħar-rikorrenti, ser ikunu jew huma suġġetti, u dan fil-kundizzjonijiet adottati minn dawn l-Istati Membri, għall-obbligi tad-Direttiva 2009/73 kif emendata mid-direttiva kkontestata (ara. f'dan is-sens, id-digrieti tal-10 ta' Settembru 2002, Japan Tobacco u JT International vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-223/01, EU:T:2002:205, punt 47, u tas-7 ta' Lulju 2014, Group'Hygiène vs Il-Kummissjoni, T-202/13, EU:T:2014:664, punti 33 u 36).

45 Fuq dan il-punt, minn naħa, fid-data ta' preżentata ta' dan ir-rikors, ma kienx hemm tali miżuri ta' traspożizzjoni fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni li kellhom, sa mhux iktar tard mill-24 ta' Frar 2020, jiġu adottati mill-Istati Membri u sabiex jirrendu vinkolanti, fir-rigward tal-operaturi, l-obbligi tad-Direttiva 2009/73, kif emendata mid-direttiva kkontestata, l-imsemmija Stati Membri kellhom setgħa diskrezzjonali fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

46 Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward tal-obbligi previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/73, kif emendata, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, skont l-ewwel subparagrafu ġdid tat-tmien paragrafu kif ukoll skont id-disa' paragrafu ta' dan l-Artikolu 9, kif miżjuda mid-direttiva kkontesatata, li jiddeċiedu li ma japplikawx l-obbligu ta' separazzjoni tan-networks ta' trażmissjoni u tal-operaturi ta'networks ta' trażmissjoni kif previst fl-ewwel paragrafu tal-imsemmi Artikolu 9. Iktar partikolarment, huma "jistgħu" jiddeċiedu dwar dan kif ukoll għall-parti tan-network ta' trażmissjoni ta' gass li tgħaqqad Stat Membru ma' pajjiż terz bejn il-fruntiera ta' dan l-Istat Membru u l-ewwel punt ta' konnessjoni man-network ta' dan l-Istat Membru, minn naħa, meta, fit-23 ta' Mejju 2019, in-network ta' trażmissjoni kien jappartjeni lil impriża vertikalment integrata u, min-naħa l-oħra, meta, fit-23 ta' Mejju 2019, in-network ta' trażmissjoni kien jappartjeni lil impriża vertikalment integrata u li jeżistu dispożizzjonijiet li jiggarantixxu indipendenza iktar effettiva tal-operatur ta' network ta' trażmissjoni bħad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/73. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva, kif miżjud mid-deċiżjoni kkontestata, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-Artikolu 9(1) tal-imsemmija direttiva u, fuq proposta tal-proprjetarju tan-network ta' trażmissjoni kkonċernat u bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jaħtru operatur ta' network indipendenti.

47 Min-naħa l-oħra, skont l-emendi miġjuba għad-Direttiva 2009/73 permezz tad-direttiva kkontestata, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-Artikolu 36 u ż-żieda tal-Artikolu 49a, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jagħtu, lill-"[i]nfrastrutturi maġġuri ġodda tal-gass" u lil-"linji ta' trasmissjoni tal-gass bejn Stat[i] Membr[i] u pajjiż[i] terz[i] li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019", derogi għal ċerti artikoli tad-Direttiva 2009/73 emendata, f'dan il-każ, f'dak li

jirrigwarda l-Artikolu 36, eżenzjonijiet għall-Artikoli 9, 32, 33, 34 kif ukoll għall-Artikolu 41(6), (8) u (10), u, f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 49a, derogi għall-Artikoli 9, 10, 11, 32 u għall-Artikolu 41(6), (8) u (10).

48 F'dan ir-rigward, hekk kif isostni ġustament il-Parlament, huma l-Istati Membri li għandhom jadottaw il-miżuri nazzjonali li jippermettu lill-operaturi kkonċernati jitolbu l-benefiċċju ta' dawn id-derogi, li jiddeterminaw preċiżament il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dawn id-derogi fir-rigward tal-kriterji ġenerali previsti mill-Artikolu 49a tad-Direttiva 2009/73 kif emendata mid-deċiżjoni kkontestata, u li jfasslu l-proċedura li tippermetti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom jiddeċiedu dwar tali talbiet fit-termini previsti mid-direttiva kkontestata. Minbarra dan, għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-għoti ta' tali derogi u l-eventwali kundizzjonijiet partikolari li għalihom dawn id-derogi jistgħu jkunu suġġetti (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2019, Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni, C-342/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1043, punti 48 sa 53).

49 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, b'mod ġenerali, ir-rikorrenti ma hijiex direttament ikkonċernata mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva kkontestata.

50 Dan japplika, ukoll, fir-rigward tal-unika dispożizzjoni li r-rikorrenti titlob l-annullament tagħha, jiġifieri l-ewwel sentenza tal-Artikolu 49a(3) il-ġdid, introdotta mid-direttiva kkontestata, li tipprovdi li "[i]d-deċiżjonijiet [ta' deroga] taħt il-paragrafi 1 u 2 [ta' dan l-Artikolu 49a] għandhom jiġu adotttati sal-24 ta' Mejju 2020". Fil-fatt, dawn il-kliem jipprevedu obbligu impost fuq l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, responsabbli sabiex jipproċessaw it-talbiet għal deroga skont din id-dispożizzjoni, li jiddeċiedu dwar dawn it-talbiet sa, mhux iktar tard, l-24 ta' Mejju 2020. Dan l-obbligu ta' azzjoni f'limitu temporali għalhekk jaqa' direttament fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

51 Min-naħa l-oħra, indipendentement mill-eżistenza ta' marġni ta' manuvra tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tad-direttiva kkontestata, l-obbligu hekk previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni ma jaffettwax direttament lill-operaturi li jifformulaw tali talbiet għal deroga jew li għandhom, bħar-rikorrenti, l-intenzjoni li jagħmlu dan. Fil-fatt, kif isostni l-Parlament, mingħajr ma huwa kkontestat fuq dan il-punt mir-rikorrenti, il-liġi Ġermaniża ta' traspożizzjoni tad-direttiva kkontestata tipprovdi li l-operaturi kellhom iressqu talba għal deroga sa mhux iktar tard minn 30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi nazzjonali. Għalhekk, huwa permezz ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali li s-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti hija direttament affettwata, peress li d-dritt tagħha li titlob deroga minn ċerti obbligi tad-Direttiva 2009/73, kif emendata mid-direttiva kkontestata, huwa rregolat, inkluż mill-perspettiva temporali, mill-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali, kemm fir-rigward tat-terminu li fih it-talba għandha titressaq kif ukoll fir-rigward tat-terminu li fih din it-talba ser tiġi pproċessata. Barra minn hekk, id-direttiva kkontestata ma tipprevedix liema konsegwenza għandha tinsilet, fir-rigward ta' talba għal deroga pendenti quddiem awtorità regolatorja nazzjonali, jekk din l-awtorità ma kellhiex tkun f'pożizzjoni li tosserva t-terminu tal-24 ta' Mejju 2020, kif previst mill-imsemmija direttiva, sabiex tiddeċiedi dwar l-imsemmija talba.

52 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka s-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2009, Vischim vs Il-Kummissjoni (T-380/06, EU:T:2009:392). Fil-fatt, jirriżulta ċertament minn din is-sentenza, b'mod partikolari mill-punt 58 tagħha, li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, li r-rikorrenti kienet direttament u individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata sa fejn din l-aħħar direttiva kienet

tinkludi sustanza kimika fl-anness tad-direttiva bażika li tagħha kienet tikkostitwixxi miżura ta' implimentazzjoni. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li din il-pożizzjoni ġurisprudenzjali kienet spjegata mill-kwalitajiet speċifiċi ta' din ir-rikorrenti. Fil-fatt, din kienet l-awtriċi tan-notifika li wasslet, minn naħa, għall-proċedura ta' eżami tas-sustanza kimika, liema proċedura kienet tirrigwarda speċifikament wieħed mill-prodotti tagħha, u, min-naħa l-oħra, l-inklużjoni ta' din is-sustanza. Barra minn hekk, hija kienet proprjetarja ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li kienu jinkludu l-imsemmija sustanza kimika. B'hekk, din is-sitwazzjoni fattwali bl-ebda mod ma hija paragunabbli ma' dan il-każ.

53 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikorrenti ma hijiex direttament ikkonċernata mid-direttiva kkontestata u lanqas mid-dispożizzjoni ta' din id-direttiva li tagħha titlob l-annullament parzjali f'dan il-każ.

Fuq l-inċidenza individwali tar-rikorrenti

54 Il-Parlament isostni li r-rikorrenti ma hijiex individwalment ikkonċernata. Fir-rigward taċ-ċirkustanza li numru limitat ta' operaturi huwa affettwat mid-direttiva kkontestata, huwa jqis, minn naħa, li l-possibbiltà li jiġi ddeterminat, bi ftit jew wisq preċiżjoni, in-numru, jew l-identità, tal-persuni li għalihom tapplika din id-direttiva ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li r-rikorrenti hija individwalment ikkonċernata u, min-naħa l-oħra, li dan in-numru limitat huwa spjegat mill-karatteristiċi oligopolistiċi tas-settur ikkonċernat, jiġifieri t-trasżmissjoni tal-gass permezz tal-linji. Fi kwalunkwe każ, fid-data tal-adozzjoni tad-direttiva kkontestata, ir-rikorrenti ma kinitx akkwistat drittijiet speċifiċi li topera l-infrastruttura tal-gass tagħha, f'dan il-każ id-dritt li topera mingħajr restrizzjoni mid-dritt tal-Unjoni barra mit-territorju terrestri tal-Istati Membri. Barra minn hekk, hija ma wrietx l-eżistenza ta' karatteristiċi li huma partikolari għaliha jew li huma intiżi sabiex jiddistingwu n-network ta' żewġ pipelines "Nord Stream" minn kull interkonnessjoni transkonfinali oħra li tinsab, effettivament jew potenzjalment, f'sitwazzjoni identika jew analoga. Fir-rigward tar-riperkussjonijiet ekonomiċi tad-direttiva kkontestata fuq l-attivitajiet tar-rikorrenti, tali effetti ma jistgħux jistabbilixxu l-inċidenza individwali tagħha mill-imsemmija direttiva.

55 Il-Kunsill isostni li r-rikorrenti ma hijiex individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata, peress li, anki jekk jiġi aċċettat li din tista' jkollha konsegwenzi legali fuq is-sitwazzjoni tagħha, jidher li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva japplikaw għal sitwazzjonijiet legali ddeterminati oġġettivament u li ma jindividwalizzawx lir-rikorrenti bħal destinatarju ta' deċiżjoni individwali. Fil-fatt, id-direttiva kkontestata tapplika għal-linji tat-trażmizzjoni tal-gass kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz, kemm fir-rigward ta' linji terrestri jew marittimi kif ukoll linji preeżistenti, lesti jew ġodda, jew linji ta' trażmissjoni li, fi tmiem il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, saru linji bejn Stat Membru u pajjiż terz, jew ukoll linji li ser jiġu integrati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva mill-fatt tal-adeżjoni tal-Istati Membri ġodda mal-Unjoni.

56 Barra minn hekk, skont il-Kunsill, ir-rikorrenti ma tistax tallega li għandha dritt miksub li żżomm l-allegat status preċedenti tagħha bħala operatur ta' infrastruttura mhux irregolata mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, dan iwassal sabiex il-koleġiżlatur tal-Unjoni jiġi pprojbit milli jadotta kwalunkwe regola ta' applikazzjoni ġenerali ġdida għall-operat ta' linji ta' trażmissjoni tal-gass bejn Stat Membru u Stat terz sat-territorju tal-Istat Membru jew sal-baħar territorjali ta' dan l-Istat Membru. Fi kwalunkwe każ, id-direttiva kkontestata ma ppreġudikatx il-portata jew l-eżerċizzju mir-rikorrenti ta' dritt speċifiku jew esklużiv preeżistenti.

57 Ir-rikorrenti ssostni li hija individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata, peress li hija tagħmel parti minn ċirku magħluq u limitat ta' ħames operaturi affettwati minnha, jiġifieri l-proprjetarji u l-operaturi ta' pipelines, li diġà tlestew u fis-servizz fit-23 ta' Mejju 2019, li jgħaqqdu permezz tal-baħar pajjiżi terzi u Stati Membri tal-Unjoni u li jinkludu punt ta' interkonnessjoni li jinsab fit-territorju tal-Unjoni. Skont ir-rikorrenti, id-direttiva kkontestata kellha l-effett li tqiegħed lil dawn l-operaturi kollha taħt il-qafas tal-obbligi normattivi kollha tad-Direttiva 2009/73 u taħt dawk stipulati fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni, u dan f'mument meta d-deċiżjonijiet ta' investiment kollha relatati mal-infrastrutturi tagħhom kienu ġew adottati għal żmien twil u meta l-imsemmija infrastrutturi kienu diġà nbnew u bdew joperaw. B'hekk, b'differenza mill-operaturi tal-infrastrutturi li ser jinbnew fil-futur billi tittieħed inkunsiderazzjoni din ir-restrizzjoni leġiżlattiva ġdida, l-operaturi bħar-rikorrenti ġew miċħuda, permezz tad-direttiva kkontestata, mill-istatus tagħhom bħala operaturi ta' infrastruttura mhux irregolata. Il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom huma mingħajr dubju inqas favorevoli minn qabel, fis-sens tal-punt 61 tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100), peress li huma affettwati minn bidla fundamentali tad-dritt applikabbli għall-infrastrutturi tagħhom u dan kellu konsegwenzi sinjifikattivi fuq l-istrutturi ta' finanzjament ta' dawn l-infrastrutturi kif ukoll fuq is-sħubija tagħhom mal-fornituri tal-gass bħal Gazprom export, uniku klijent tar-rikorrenti. Barra minn hekk, dawn l-operaturi huma distinti minn operaturi futuri, peress li, għalihom, l-infrastrutturi li ser jibnu fil-futur ma humiex, mid-definizzjoni tagħhom stess, infrastrutturi operattivi fit-23 ta' Mejju 2019 fis-sens tad-direttiva kkontestata.

58 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, minbarra d-destinatarji ta' att tal-Unjoni, jissodisfaw il-kundizzjoni dwar l-inċidenza individwali, fis-sens tat-tieni ipoteżi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, biss jekk l-att ikkontestat jaffettwahom minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzahom fil-konfront ta' kull persuna oħra u, minħabba f'hekk, tindividwalizzahom b'mod analogu għal dak ta' destinatarju (sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, EU:C:1963:17, u tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 72).

59 F'dan il-każ, ir-rikorrenti tqis lilha nnifisha individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata u, b'mod partikolari, mid-dispożizzjoni ta' din id-direttiva li hija titlob l-annullament parzjali tagħha, minħabba li hija tagħmel parti minn ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi partikolarment affettwati mid-direttiva kkontestata b'mod simili għal dak li d-destinatarji ta' deċiżjonijiet individwali jkunu affettwati minnu. Dan iċ-ċirku huwa kompost minn proprjetarji u minn operaturi ta' pipelines, li diġà tlestew u fis-servizz fit-23 ta' Mejju 2019, li jinsabu fil-baħar territorjali ta' pajjiż terz u li jinkludu punt ta' interkonnessjoni li jinsab fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, hemm biss ħames pipelines affettwati mid-direttiva kkontestata, jiġifieri dik operata mir-rikorrenti, kif ukoll il-pipelines Greenstream, Medgaz, Maghreb-Europe Gas Pipeline u Transmed.

60 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-possibbiltà li jiġu ddeterminati, ftit jew wisq bi preċiżjoni, in-numru jew anki l-identità tal-persuni suġġetti għad-dritt li għalihom tapplika miżura tal-Unjoni bl-ebda mod ma jimplika li dawn għandhom jitqiesu bħala li huma kkonċernati individwalment minn din il-miżura, meta huwa paċifiku li din l-applikazzjoni ssir abbażi ta' sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt jew ta' fatt iddefinita mill-att inkwistjoni (ara s-sentenza tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata.

61 Issa, fir-rigward tal-pipelines imsemmija mir-rikorrenti, inkluża dik li hija topera, għandu jiġi kkonstatat li l-applikazzjoni tad-direttiva kkontestata għalihom issir skont sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt u ta' fatt prevista minn din id-direttiva. Fil-fatt, skont il-kriterju oġġettiv adottat mil-leġiżlatur fl-Artikolu 49a(1), kif miżjud mad-Direttiva 2009/73 permezz tad-direttiva kkontestata, din tapplika għal-linji ta' trażmissjoni tal-gass li kienu tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019, data ta' dħul fis-seħħ tad-direttiva kkontestata. Barra minn hekk, hekk kif essenzjalment isostni l-Parlament, in-numru limitat ta' operaturi kkonċernati mid-direttiva kkontestata huwa spjegat, minn naħa, mill-fatt li din tirregola infrastrutturi kbar tal-gass partikolarment onerużi, li, fid-dawl tar-restrizzjonijiet spazjali, ekonomiċi u ġeopolitiċi, huma f'numru limitat fit-territorju tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, miċ-ċirkustanza li l-imsemmija direttiva tirregola biss dawk, f'numru saħansitra iżgħar, li jgħaqqdu lill-Unjoni ma' Stati terzi.

62 Għalhekk, fid-dawl tal-qasam ekonomiku speċifiku kkonċernat, il-fatt li d-direttiva kkontestata hija intiża sabiex tirregola biss numru limitat ta' operaturi, identifikati jew identifikabbli waqt l-adozzjoni ta' din id-direttiva, ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li dawn l-operaturi kienu individwalment ikkonċernati mill-imsemmija direttiva bil-mod tad-destinatarji ta' dan l-att jew tad-destinatarji ta' deċiżjonijiet individwali.

63 Huwa minnu li, fis-sentenza tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1994:197), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dispożizzjoni ta' natura normattiva tista', f'ċerti ċirkustanzi, tikkonċerna individwalment ċerti operaturi ekonomiċi kkonċernati. Madankollu, din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi invokata fil-każ ineżami, peress li, bid-differenza tar-regolament ikkontestat f'din il-kawża, id-direttiva kkontestata f'dan il-każ ma ppreġudikatx drittijiet speċifiċi tar-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-23 ta' Novembru 1995, Asocarne vs Il-Kunsill, C-10/95 P, EU:C:1995:406, punt 43). Dan japplika wkoll f'dak li jikkonċerna r-riferiment magħmul għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (C-133/12 P, EU:C:2014:105).

64 Fil-fatt, f'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti u hekk kif dan ġie kkonstatat fil-punt 42 iktar 'il fuq, hija ma kellhiex dritt li topera u/jew li tkompli topera n-network ta' żewġ pipelines "Nord Stream" filwaqt li tkun ħielsa minn kull restrizzjoni leġiżlattiva tal-Unjoni, tal-inqas f'dak li jikkonċerna l-parti ta' din il-linja ta' trażmissjoni tal-gass li tinsab fit-territorju tal-Unjoni, f'dan il-każ fil-baħar intern ta' Stat Membru. Għalhekk, iċ-ċirkustanza li, waqt l-adozzjoni tad-direttiva kkontestata, hija kienet tifforma parti minn ċirku ristrett, identifikat jew identifikabbli, ta' operaturi kkonċernati mill-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali u/jew *ratione materiae* tad-Direttiva 2009/73 ma tippermettix li jiġi kkunsidrat li hija individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata, peress li huwa paċifiku li l-applikazzjoni tagħha ssir skont sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt u ta' fatt iddefinita mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-att inkwistjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrietx li dan il-leġiżlatur kien adotta d-direttiva kkontestata billi ħa inkunsiderazzjoni partikolaritajiet tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti jew ta' dik tal-erba' pipelines l-oħra, invokati minn din tal-aħħar, li kienu diġà operattivi fit-23 ta' Mejju 2019.

65 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-impatt ekonomiku sinjifikattiv tad-direttiva kkontestata fuq l-attivitajiet tagħha bħala operatur tal-pipeline "Nord Stream", għandu jitfakkar li ma huwiex biżżejjed li ċerti operaturi jkunu ekonomikament iktar affettwati minn oħrajn minn att ta' portata ġenerali sabiex jiġu individwalizzati fir-rigward ta' dawn l-operaturi l-oħra, meta, bħal f'dan il-każ, l-applikazzjoni ta' dan l-att isseħħ, fi kwalunkwe kaz, skont sitwazzjoni oġġettivament stabbilita (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-18 ta' Diċembru 1997, Sveriges Betodlares u Henrikson vs Il-Kummissjoni, C-409/96 P, EU:C:1997:635, punt 37; sentenzi

tat-2 ta' Marzu 2010, Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-16/04, EU:T:2010:54, punt 106, u tas-16 ta' Diċembru 2011, Enviro Tech Europe u Enviro Tech International vs Il-Kummissjoni, T-291/04, EU:T:2011:760, punt 110).

66 Minbarra dan, iċ-ċirkustanza biss li rikorrent jista' jitlef sors importanti ta' dħul minħabba leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni ma tipprovax li huwa jinsab f'sitwazzjoni speċifika u ma hijiex biżżejjed sabiex jintwera li din il-leġiżlazzjoni tapplika għalih individwalment. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, rikorrent għandu jipproduċi quddiem il-Qorti Ġenerali, ħaġa li ma għamilx f'dan il-każ, il-prova ta' ċirkustanzi li jippermettu li jiġi kkunsidrat li d-dannu allegatament subit huwa ta' natura li jindividwalizzah fir-rigward ta' kull operatur ekonomiku ieħor ikkonċernat mill-imsemmija leġiżlazzjoni bl-istess mod bħalu (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2011, Enviro Tech Europe u Enviro Tech International vs Il-Kummissjoni, T-291/04, EU:T:2011:760, punt 110).

67 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikorrenti lanqas ma hija individwalment ikkonċernata mid-direttiva kkontestata.

68 Għaldaqstant, mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti jew ukoll dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet sa fejn jirreferu biss għal annullament parzjali tad-direttiva kkontestata, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq it-talbiet għal intervent

69 Konformement mal-Artikolu 144(3) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-konvenut iressaq eċċezzjoni ta' inammissibbiltà jew ta' nuqqas ta' kompetenza, imsemmija fl-Artikolu 130(1), id-deċiżjoni dwar it-talba għal intervent ma għandhiex tittieħed qabel ma din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda jew titħalla għad-deċiżjoni fil-mertu. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 142(2) tal-istess regoli, l-intervent jitlef l-għan tiegħu b'mod partikolari meta r-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli.

70 Issa, peress li l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ntlaqgħu f'dan il-każ u peress li dan id-digriet, konsegwentement, itemm l-istanza, ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Latvja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni.

Fuq l-ispejjeż

71 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Parlament u l-Kunsill għamlu talba f'dan is-sens, hemm lok li r-rikorrenti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

72 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Minbarra dan, skont l-Artikolu 144(10) ta' dawn ir-regoli, jekk l-istanza fil-kawża prinċipali tingħalaq qabel ma tingħata deċiżjoni dwar talba għal intervent, min ressaq it-talba għal intervent u l-partijiet prinċipali għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talba għal intervent. Konsegwentement, ir-rikorrenti, il-Parlament u l-Kunsill kif ukoll ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

tordna:

1) **Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.**

2) **Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Latvja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni Ewropea.**

3) **Nord Stream AG hija kkundannata għall-ispejjeż tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.**

4) **Nord Stream, il-Parlament u l-Kunsill kif ukoll ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Mejju 2020.

Reġistratur
E. Coulon

Il-President
J. Svenningsen